MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1803/2004

**Judas Taddeo Scerri (ID 475055M) bhala sacju ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta civili MSO & Co.**

**Vs**

**A&J Agius Jewellers Ltd**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Settembru 2004 fejn l-atturi talbu sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm690 (sitt mija u disghin Lira Maltin) rapprezentanti servizzi professjonali rezi.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Id-ditta attrici qed titlob is-somma ta' sitt mija u disghin Lira Maltin (Lm690) minghand is-socjeta` konvenuta rapprezentanti servizzi professjonali rezi minnha a favur is-socjeta` konvenuta fuq struzzjonijiet taghha kif deskritt ahjar fil-fattura annessa u mmarkata Dok A.

Nonostante illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata thallas din is-somma anke permezz ta' ittra ufficjali (Dok B u Dok C) hija baqghet inadempjenti.

Id-ditta attrici qed titlob l-imghax mid-data tal-fattura relattiva tad-9 ta' Novembru 2000 sal-gurnata tal-hlas effettiv bir-rata ta' 8% fis-sena.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru 2001 u tal-15 ta' Ottubru 2003 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi l-ammont mitlub mid-ditta attrici mhux dovut fil-fatt u lanqas fid-dritt stnte illi:

1. sa llum id-ditta attrici ma gabet ebda prova tax-xoghol li allegatament sar

2. l-ammont mitlub huwa esagerat

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez inkluzi dawk konnessi mal-kontro-mandat numru 2048/04 kollox kontra d-ditta attrici.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi hawn si tratta ta' allegazzjoni ta' eccess ta' talba ghal pagament ghal servizzi professjonali resi.

Illi kazijiet simili huma ferm dibattuti, aktar u aktar meta ma jigi prodotti l-ebda ftehim dwar ir-rati talvolta miftehma u/jew li ser jigi akkordat, jew xi tip ta' skeda ufficjali ta' kif suppost il-hlas ghat-tip ta' servizzi rezi ghandhu jsir.

Li huwa cert huwa li omnia labor optat premium. Is-socjeta` konvenuta mhux qed tallega li ma ghandhiex thallas, pero skond il-versjoni taghha l-ammont ghandhu jkun anqas. Ma gietx prodotta l-ebda prova in sostenn tal-allegazzjoni u jew dwar kif waslet ghal dak l-ammont. Hija tippretendi li ghandha tiffissa r-remunerazzjoni f' materja li ma tifhimx fiha. Huwa zgur li ma ghandhux x'jaqsam man-negozju taghha.

Li huwa zgur huwa li meta s-socjeta` konvenuta giet bzonn urgentement is-socjeta attrici f'materja hekk delikata s-socjeta attrici tat is-servizz minnha mistenni.

Jinghad illi entitajiet professjonali bhal dik attrici ghandhom ir-rati taghhom. A skans ta' kull ekwivoku, mhux wara meta tkun inqdiet u tikkontesta il-kont.

Jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u disghin lira maltin (Lm690) kif mitluba, bl-ispejjes u nteressi kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------